Il-Birgu u l-"Castrum Maris" fiż-Żminijiet tan-Nofs Tardivi — (2)

IL-KUMMERĊ MA' PORTIJIET FIL-MEDITERRAN U L-PESTA TAS-SEKLU 16

Il-Maltin dejjem kellhom il-baħar jiġri fil-vini tagħhom u minn dejjem kellhom il-fama ta' baħħara gwappi. Kursar Malti, ċertu Michele di Malta, kiseb ċerta notorjetà madwar l-1460 għall-avventuri tiegħu fl-ibħra ta'madwar Ċipru u Rodi (15). Kursara oħrajn minn Malta kienu attivi fl-irkejjen kollha tal-Mediterran, u fl-1525-1526 il-Gvern ta' Kreta pprotesta kontra l-ħidma tagħhom fl-inħawi ta' dik il-gżira (16). Fl-1492 kien hemm sitt bastimenti tal-kursari li kienu joperaw fl-istess żmien minn Malta. Kemm minnhom kienu tal-Maltin ma nafux. Li nafu hu li l-kursari Maltin mhux l-ewwel darba li gergru kontra t-taxxa eżorbitanti li l-gvern kien jimponilhom fuq il-qbid li kienu jagħmlu. Fl-1409, per eżempju, ilmentaw li, fil-waqt li fl-imgħoddi l-kursari ma kellhom l-ebda xkiel meta jattakkaw xwieni tal-Barbarija, huma issa kienu qed jiġu mġiegħla jagħtu kwint tal-priża tagħhom lill-ammiraljat Sqalli (17).

**Minn MARIO BUHAGIAR,
B.A. Hons. (Lond.), M. Phil. (Lond.)**

Kienu jidħlu wkoll fil-Port tal-Birgu dgħajjes tas-sajd u bastimenti tal-merkanzija mgħobbija qmuħ u provvisti oħra minn Sqallija. Dr Luttrell jispekula li seta' kien hemm tarzna żgħira jew għat-tiswija jew inkella għall-bini ta' mriekeb tal-baħar. Tagħbija ta' njam mid-Dalmazja li nxtrat jew inqabdet mill-Maltin fl-1376 setgħet intużat għal dan il-għan (18).

Din l-istorja tat-tagħbija ta' l-injam għandha ġrajja interessanti. L-injam kien ġie fdat f'idejn żewġ baħħara, wieħed Tomchus Bogdanich, mill-gżira ta' Kolcep fid-Dalmazja, u l-ieħor Philipo Samo minn Genova, biex joħduh Tripli. Il-kuntrattur kien ċertu Milos Gugnevich minn Dubrovnik. Minflok f'Tripli Milos biegħ l-injam Malta u, bħala riżultat ta' dan, Tomchus inxteħet il-ħabs mal-wasla tiegħu fi Tripli. Il-mara ta' Tomchus ħarrket lil Milos li fid-difiża tiegħu xehed li mal-wasla tiegħu f'Malta — jiġifieri meta daħal fil-Port tal-Birgu — kien għadda minn għala widnejh li Tripli kien fi stat ta' assedju u, għalhekk, deherlu li ma kienx prudenti jissokta fi triqtu għal hemm. Barra minn hekk in-nies tal-port kienu ħatfu bil-forza t-tagħbija ta' l-injam u għalhekk ma kellux triq oħra għajr li jħalliha f'Malta (19).

IN-NEGOZJU TAL-QOTON TA' MALTA

U ġaladarba semmejna d-Dalmazja, ta' min igħid xi ħaġa dwar ċertu Bonfiglio de Malta, kaptan ta' xini, li fl-20 ta' Lulju 1380 kien jinsab f'Dubrovnik b'tagħbija ta' merkanzija. Il-Kunsill ta' dik il-Belt qatagħha li jeżentah mill-**gabella** (jiġifieri t-taxxa fuq il-merkanzija) kemm-il darba l-Kunsill ta' Malta u Manfredo Chiaramonte (wieħed mill-erba' vikarji jew reġġenti ta' Sqallija li kien isostni d-dritt għat-titolu ta' Konti ta' Malta) jimpenjaw irwieħhom li jeżentaw minn taxxa simili lil dawk in-negozjanti minn Dubrovnik li kienu jżuru Malta (20).

Semmejt dan l-inċident għax huwa eżempju ta' l-irbit kummerċjali li Malta kellha fiż-Żminijiet tan-Nofs tardivi. Barra minn bażi navali l-Birgu, għaldaqstant, seta' jiżviluppa wkoll f'entrepot kummerċjali. L-istess Manfredo Chiaramonte kellu interessi fil-kummerċ tal-qoton ta' Malta u kien daħal sħab ma' negozjanti u finanziera Ġenoviżi (21). Il-qoton ta' Malta kien imsemmi ma' l-Ewropa kollha u sa mill-1164 nafu li kien qed jiġi ttraffikat f'Ġenova (22). Fis-seklu 15 xwieni merkantili kienu jħallu l-port tal-Birgu b'tagħbija ta' qoton għal Sirakuża minn fejn, imbagħad, kien jittieħed f'destinazzjonijiet varji. Xi minn daqqiet, iżda, kien jiġi esportat direttament għal Tripli, Venezja, Ancona, Bari u Barcellona (23).

IL-PESTA ŻŻURNA TLIET DARBIET FI TLETIN SENA

Il-ħafna kuntatti li l-Birgu kellu mad-dinja ta' barra għenuh biex ikun inqas insulari mill-bqija ta' Malta u setgħu jkunu għajn ta' prosperità, imma ġabu magħhom ukoll ċerti perikoli. Wieħed minnhom kien il-marda tal-pesta. Fl-ewwel tletin sena tas-seklu 16, din il-marda tal-biża' jingħad li żaritna tlett darbiet: fl-1501, fl-1509 u fl-1523. Dwar l-epidemija ta' l-1501, ftit li xejn hu magħruf, iżda dik ta' l-1519 jingħad li bdiet fil-Birgu minn fejn dlonk inxterdet f'inħawi oħra.

Il-pesta ta' l-1523 hu maħsub li ddaħħlet permezz ta' xini tal-Barbarija li kien inħataf mill-kursari. Bħala prekawzjoni l-Università âmret li x-xini tiġi mgħaddsa fl-ilma u li kulma kien fuqha jingħata n-nar; l-ekwipaġġ kellu jiġi mqiegħed taħt kwarantina stretta. Ġara iżda li s-sidien tax-xini ma ridux joqogħdu għal dawn ir-regolamenti, u l-Università ma kellhiex triq oħra għajr li tordna li x-xini tingħata n-nar.

Dan kien pass għaqli iżda, sadattant, il-ħsara kienet laħqet saret għax xi wħud minn ta' l-ekwipaġġ kienu tħalltu man-nies tal-Birgu. Xi nies iċċappsu bil-marda li bdiet tixtered. Qam paniku u bdiet taħkem il-biża'. Il-Kunsill ta' l-Università ħa l-aħjar pass li seta' jieħu fiċ-ċirkustanzi. Il-Birgu ġie iżolat mill-kumplament tal-gżira permezz ta' ċinturin ta' suldati speċjalizzati. Miżura bħal din, għalkemm neċessarja, ġabet magħha tbatija għan-nies tal-Birgu.

Kien hemm min irewwaħ minn taħt u ma dametx ma faqqgħet waħda. Waqt żjara tal-Ħakem, li wasal sal-Birgu biex jara li l-kwarantina kienet qed tinżamm kif jixraq, in-nies qamet kontrih. X'ġara sewwa ma nafux għalkemm jingħad li l-Ħakem żammewh bħala ostaġġ. L-anqas nafu kemm damet l-epidemija u kemm mietu nies. Li nistgħu ngħidu hu li l-miżuri jidhru li ħallew il-frott mixtieq għax il-flaġell aktarx li baqa' limitat għall-Birgu u ma xteredx f'inħawi oħra tal-gżira (24).

IKONA tal-Madonna tas-Sokkors, aktarx xogħol Sqalli ta' l-1462, li kienet meqjuma fl-Kappella tan-Nativitá tal-Forti S. Anġlu. Din l-ikona kienet ġiet restawrata, kmieni fis-seklu 20, fuq inizjattiva tal-Kanonku G.M. Farrugia, u trasferita fl-Awla Kapitolari tal-Kolleġġjata tal-Birgu fejn sfat meqruda f'Jannar 1941, flimkien ma' teżori artistiċi oħra meta l-Awla ġġarrfet waqt attakk mill-ajru.

(Ikompli)

REFERENZI:

15. Ara P. Cassar, "The Maltese Corsairs and the Order of St. John of Jerusalem", **Scientia** (Malta), XXIX (1963), 28-30.
16. Ara A. Luttrell, **Approaches**, 58 u F.B (orlandi)', "Corsari maltesi a Ragusa nel Quattrocento e nel Cinquecento", **Archivio Storico di Malta,** vii (1934/5).
17. Luttrell, **Approaches**, 58.
18. **Ibid.**
19. A. Luttrell, "Malta and Dubrovnik", **Melita Historica**, V no. 2 (1969), 158-164.
20. **Ibid.**, 159. F'Dubrvonik kien hemm ukoll fl-istess perijodu bastiment Sqalli li kien qed iġorr merkanzija ta' xi Lhud minn Malta (**ibid.**) Dwar Manfredo Chiaramonte ara Luttrell, **Approaches**, 45-47.
21. Luttrell, **Approaches**, 45.
22. D. Abulafia, "Henry Count of Malta and His Mediterranean Activities", **Medieval Malta,** 106-107.
23. Fuq il-qoton ara H. Brese, **The 'Secrezia'**, 131-133, u G. Wettinger, **Late Medieval Maltese Agriculture**, 15-21.
24. Dwar din il-pesta u t-tnejn ta' qabilha ara P. Cassar, **Medical History of Malta**, London 1964, 164-165, u r-referenzi li jagħti.